# LIL MARTI

## (F'EGHLUQ IL-25 SENA MIŻ-ŻWIEĠ TAGHNA)

*Ta'* E. MALLIA

Imqarraq le ma mortx x'ħin jien f'żgħożiti
Għajnejja fuqek xħett, tarraft l-imħabba:
Lilek, li wkoli jien rajt f'għajnejk titrabba
Mill-ħars għażiż u rżin sa minn ċkuniti:

Il-ġum li rajt isseħħ holmet tfuliti
Mhemmx għalfejn minnek jien inkun imxabba':
Ġiebek żammejt fil-għoli, qatt ma ttabba',
Kabbartli sigra u ħsibt għal żmien xjuħiti.

Il-ferħ, in-niket, l-hena, qsamt int miegħi
U kemm burraxki ġew, ilqajt bis-sabar;
Farraġtni min jaf kemm fid-dwejjaq tiegħi.

Miegħek għammart is-snin fost l-akbar sliema
U hekk nittama nibqgħu sa ġol-qabar:
Nistqarr li qatt u qatt ma ġietni ndiema!

4. IX. 51.